Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 6 / 2020

Il-Pulizija

vs

**Oglive Grima**

Illum, 28 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Oglive Grima, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 207891 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-27 ta' Settembru, 2019, ghall-habta ta' 7.40am gewwa Bormla:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS 583 Evan Grech, filwaqt li kien qed jagixxi jew diga kien agixxa ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

2. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS 582 Evan Grech waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwenza fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' PS 583 Evan Grech, PC 1055 Mark Delia, PC 889 Anton Micallef jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b' xi mod iehor li jkun, fejn din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqa' taht l-ebda disposizzjonijiet ohra tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' malta;

4. Kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b' ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lill-imputat bhala ricediv ai termini tal-Art. 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Jannar, 2020 fejn il-Qorti wara li rat l-Art 49, 50, 95, 96, 338 (dd), 338 (ee) tal-Kodici Kriminali, iddikjarat lill-imputat Oglive Grima hati, bhala ricediv, tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u ikkundannathu ghall-hlas ta' multa ta' hamest elef ewro u tmien xhur prigunerija effettiva li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Oglive Grima minnu pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2020 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka jew tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Jannar 2020 billi fil-waqt li tikkonferma htija fir-rigward t-tieni akkuza ammessa tilliberaha minn kull htija fir-rigward tal-ewwel, t-tielet u r-raba akkuza u konsegwentement tirriforma l-piena ai termini tal-ligi penali u kostituzzjonali.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

a. Illi fl-ewwel lok l-esponenti umilment jissottometti li u jressaq ghall-konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti l-insenjament dwar l-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali Kapitolu Disa tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jinghad fid-dawl ta' dak li inghad mill-Qorti tal-Appelli Kriminali b'sentenza datata fil-11 ta' Frar 2013 fil-kaz Il-Pulizija vs Mario Camilleri.

Hemm l-imsemmija Qorti stabbiliet l-interpretazzjoni l-iktar awtoritativa u perswaziva ta' dawn l-artikoli billi rriferiet ghal zewg sentenzi precedenti taghha stess diversament preseduta. F'dik is-sentenza inghad l-ewwel is-segwenti:

"Dwar l-elementi tad-delitt ta' oltragg ikkontemplat fl-artikolu 95, din il-Qorti[1] diversament preseduta qalet hekk :

'L-elementi tad-delitt ta' oltragg ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali huwa s-segwenti: 1. li l-kliem allegatament ingurjuz ikun inghad lil wiehed li ghandu l-kwalifiki ta' ufficjal pubbliku; 2. li l-kliem allegatament ingurjuz ikun inghad fil-presenza tal-ufficjal in kwistjoni; 3. li l-kliem allegatament ingurjuz ikun inghad "officio durante nel contemplationem officii"; 4. li l-kliem allegatament ingurjuz fil-fatt fih innifsu jkun kliem ingurjuz; 5. li jkun hemm l-element intenzjonali li wiehed joffendi ufficjal pubbliku."

U sussegwentement : "Dwar l-elementi tal-artikolu 96 l-Qorti tal-Appell Kriminali[2] qalet hekk:

'Sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali jrid jkun hemm fost affarijiet ohra, u bhala minimu , xi forma ta' forza illegittima diretta lejn l-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza tigi ezercitata trid tkun tali li jkun tendenti,

[1] Il-Pulizija vs Joseph Fenech deciza fil-25 ta' Frar 1999 (LXXXIII.Vol IV. Pag 236)
[2] Il-Pulizija vs Stephen Borg deciza fis-26 ta' Jannar 1999 (LXXXIII, Part IV, pag 165)

ossia li jkollu l-potenzjalita li jikkaguna xi hsara lill-persuna tal-ufficjal pubbliku, zghir kemm hi zghira din il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-konkret ebda hsara ma tigi kkagunata u anke l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Hekk, per ezempju, ikun il-kaz ta' min semplicement jimbotta b'mod goff jew ostili lill-ufficjal pubbliku li jkun intimalu li ser jarrestah, jew ta' min jibda jithabat meta jkun f'idejn l-ufficjal pubbliku, proprju biex jehles minn idejh. Biex jkun hemm dan ir-reat l-agent irid mhux biss attakka (il fatto di prendere l'offensiva) jew irrezista (il fatto di prendere la difensiva) lill-ufficjal pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew hebb (vie di fatto).

Mhux bizzejjed ghalhekk attakk bil-kliem anke jekk dak il-kliem jkun iebes, ingurjuz jew minatorju (tali kliem jista naturalment jammonta ghar-reat kontemplat fl-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali). Anqas ma hi bizzejjed ghall-finijiet tal-artikolu 96 is-semplici resistenza passiva (ez. Li wiehed ma jiftahx il-bieb jew jintelaq mal-art) jew l-uzu ta' forza jew vjolenza applikata fuq , jew fil-konfront ta' oggett b'mod pero', li dik il-forza ma tkunx tista direttament jew indirettament , tikkaguna xi hsara lill-ufficjal pubbliku (ez. Wiehed jaghti bil-ponn fuq vettura biex ibezza lill-ufficjal pubbliku, ghalkemm f'dan il-kaz jistgha jikkonfigura reat iehor).

Differenti hu l-kaz ta' min biex jirrezisti arrest, iwaddab xi oggetti fil-konfront ta' ufficjal pubbliku ghax f'dan il-kaz, ghalkemm ma jkunx hemm kuntatt fiziku bejn l-agent u l-ufficjal pubbliku, ikun hemm forza legittima lit kun qed tigi diretta lejn persuna u permezz ta' att li ghandu l-potenzjalita li jikkaguna hsara lill-persuna."

Din hija l-linja u l-gwida li stabbiliet l-Qorti tal-Appell ghall-konsiderazzjoni u diskrezzjoni ta' din l-Qorti fit-termini tal-ligi nostrali konsiderando dejjem li

ghalkemm ma nappartjenux ghad-dottrina anglo-sassona ta' "stare decisis" xorta tali decizjoni fiha forza perswaziva u ta' awtorita fuqna li ahna ghas-servizz tal-gustizzja u l-ligi.

U proprju fuq dan qieghed jigi umilment sottomess li l-agir fi stat ta' sokor ghalkemm tinkwadra ruha fit-tieni akkuza mhux fl-ohrajn.

b. Illi fid-dawl ta' dan l-esponenti umilment jissottometti li ma kellux jinsab hati tal-ewwel akkuza ghax ma tirrizultax mill-provi prodotti. Pero fir-rigward tat-tielet u r-raba akkuza dawn jidher car li huma komprizi u involuti fit-tieni akkuza. Konsegwentement l-esponenti qieghed umilment jissottometti li huwa kellu jigi misjub hati tat-tieni imputazzjoni u mhux tat-tlieta l-ohra.

c. Illi inoltre ghalhekk l-piena inflitta fuqu ghandha l-ewwel tirrifletti biss htija limitatament fir-rigward tat-tieni akkuza u t-tieni ghandu jigi kkonsidrat jekk kemm-il-darba tenut kont tac-cirkostanzi partikolari l-piena inflitta hiex wahda proporzjonata.

Dan qieghed jitressaq invista tal-gurisprudenza li qedha tisviluppa sija fil-Qorti Ewropeja ta' Strabourg kif ukoll dik lokali kif riflessa fis-sentenza kostituzzjonali moghtija fit-23 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet Jason James Agius vs l-Avukat Generali.

Ikkunsidrat,

**Rat l-atti tal-kawza inkluz il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti**

Rat illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant wara li elenka id-differenza bejn ir-reat kontemplat fl-artikolu 95 u 96 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta stqarr li l-agir ta' sokor tal-appellant kien jinkwadra ruhu fit-tieni akkuza u mhux fl-ohrajn, filwaqt li tenna li t-tielet u r-raba' akkuza huma komprizi u nvoluti fit-tieni akkuza u ghalhekk tenna li

kellu jinsab hati tat-tieni akkuza u biss u mhux tat-tielet u raba' akkuza ukoll. Ghalkemm jghid li qatt ma kellu jinstab hati ta' l-ewwel akkuza.

Fit-tieni lok jghid ukoll il-piena imposta kellha tirrifletti il-piena ghat-tieni akkuza biss u konsegwentement l-piena imposta kienet wahda ecessiva jekk mhux addirittura sproporzjonata.

Ikkunsidrat,

In vista tal-aggravji sollevati mill-appellant il-Qorti kellha tezamina l-atti kollha tal-kawza u appuntu ix-xhieda kif rapportata u dattilografata fl-atti stante li dawn ma gewx mismugha minnha.

**PC 889 Anton Micallef** xehed permezz ta' affidavit presentat fl-atti[3] u dan stqarr li nhar is-27 ta' Settembru 2019 kien xoghol l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla u ghall-habta tat-07.45 il-pulzija giet infurmata li kien hemm certu Oglive Grima l-appellant odjern li kien qed jghamel storbju gewwa Triq Santa Liena, Bormla quddiem ir-residenza tal-*ex partner* tieghu certu Silvana Spiteri.

Il-pulizija ghalhekk marret fuq il-post u mal-walsa taghhom l-appellant beda jindirizza lill-pulizija '*Ara gew dawn, itilqu 'l hemm u halluni bi kwieti ghax jien m'ghamilt xejn hazin u zgur mhux ha nigi maghkom'*. Immedjatament il-pulizija bdiet tipprova tkellem bil-kelma it–tajba lil Oglive halli jikkalma u jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-pulizija fejn hekk kif giet beix tipprocedi ghall arrest tieghu, huwa irresista l-arrest fejn intuzat forza minnhom minima u proporzjonata u b'hekk il-pulizija irnexxilha timmanetjah fejn minn dak il-hin sakemm waslu l-ghassa f'Bormla Oglive, kontinwament baqa' jhedded u joffendi bil-kliem lil PS 583 bil-kliem '*Pufta, kiesah , f'oxx kemm ghandek u kif narak barra minghajr uniformi naqtalek rasek u zgur insibek la nkun barra*'. Waqt li l-pulizija kienet ser trikkeb lill-appellant fil-vettura tas-servizz gewwa Wesgha tal-Knisja tan- Nattivita, Bormla huwa prova jghati daqqa ta' ras b'lura lil PS 583. Jinghad ukoll li l-appellant beda jallega li kien gie aggredit mill-pulizija kif ukoll li kienu qalghulu spaltu. Waqt li kien qed jistenna biex jigi

[3] Fol. 20

mitkellem min maha ta' l-ispettur huwa beda jghid kliem ta' theddid fil-konfront ta' PS 583 u qal il-kliem *'Noqtollok lil familtek u nahraqlek id-dar'*.

**PC 540 A Fava** xehed ukoll permezz tal-procedura tal- affidavit u kkonferma li fit-12 ta' Settembru, 2019 ghall-habta tal-16.30 p.m waqt li kien xoghol gewwa l- ghassa tal-pulizja ta' Bormla dahlet certa Silvana Spiteri fejn infurmathom li kienet ghaddejja bil-vettura taghha minn Piazza Gavino Gulia, Bormla flimkien ma zewg uliedha u kien waqqafha l-*ex partner* taghha Oglive Grima u ried jitla' fil-vettura maghha.

Qalet li kienet bezghana minnu u ghalhekk qabdet it-tfal u halliet il-karozza f'nofs ta' triq u marret l-ghassa taghmel dan ir-rapport. Silvana talbet lill-pulizija biex twissi lill-appellant sabiex ma joqghodx idejjaqha u jigri warajha uinsistiet mal-pulizija li ma rieditx tagheml rapport fil-konfront tieghu.

Hekk kif Silvana bdiet titkellem mal-pulizija l-appellant mar hdejn l-ghassa fejn beda jinsisti li ried ikellem lil Silvana minhabba iz-zewgt itfal li ghandhom flimkien fejn ukoll beda ighidilha li ghandha ittih xi flus u li reidhom dak il-hin stess.L-appellant gi mitkellem innu u gie ordnat sabiex ihalli lil Silvana bil-kwiet peress li gja ghandu Protectin Order li ma idejjaqx lil Silvana u li jekk kien ser imur ihabtilha il-bieb kien ser jigi arrstat. L-appellant baqa' isostni li ried il-flus minghand Silvana izda wara li l-pulizija wissietu telaq 'l hemm.

**PS 583 Evan Grech** xehed nhar l-10 ta' Ottubru, 2019 viva voce il-Qorti u spjega li nhar is-27 ta' ottubru, 2019 ghall-habta ta' 7.45 p.m gie infurmat li fi Triq Santa Liena Bormla kienhemm l-appellant li beda jghaeml storbju quddiem ir-esidenza tal-ex partner tiwghu Silvana Spieri. Huwa mar fuq il-post flimkien ma PC 1055 u PC 889 fejn hemmhekk sab lill-appellant. Kien fit-triq u meta rahom ikkonferma li qallhom "Ara gew dawn.Itilqu 'l hemm u halluni bi kwieti ghax jien m'ghamilt xejn hazing u zgur mhux ser nigi maghkom" Huwa pprova ikelmu bil-kelma it-tajba biex imur maghhom pero ma ried jisma b'xejn min naha tieghu. Dak il-hin ukoll irrezista l-arrest u beda jaghmel resistenza.

Ikkonferma li marru biex jarrestawh kif ukoll ghaliex kellhom *respite warrant* jigifieri digriet ta' dhul li riedu jesegwixxu, Huma kellhom jaghmlu forza minima bei xjarrestawh. Beda izomm sod u bl-ebda mod ma ried imur maghhom. Mieghu kien

hemm zewg pulizija . Min dak il-hin *"l hemm ebda jghajru 'Pufta u f'oxx kemm ghandek" qallu ukoll il-kliem " kif narak barra minghajr uniformi naqlalek rasek"* u *"zgur insbek la nkun barra"* Qal li t-theddid baqa' ghaddej b'mod kontinwu *sakemm waslu l-ghassa .* Kif kienu qed idahluh fil-vettura tas-servizz dan ipprova itih daqqa ta' ras b'lura. Izda gholla idejgh biex jilqa' id-daqqa ta' ras. Nizluh l-ghassa tah id drittijiet tieghu biex ikellem avukat u fil-fatt tkellem ma Dr Mifsud Bonnici permezz ta' telefonata privata.

**PC 1055 Mark Delia** xehed nhar l-10 ta' Ottubru, 2019 viva voce il-Qorti u spjega li nhar is-27 ta' Settembru, 2019 ghall-habta tas-7.45 a.m. dahlet telefonata l-ghassa ta' Bormla u gie rapportat li fi Triq Santa Liena kien hemm l-appellant qed jghamel certu storbju. Stqarr oli t-telefonata ma hadhiex hu. Huwa flimkien ma PS 583 u PC 889 marru fuq il-post u hemmhekk sabu lill-appellant ghamel hafna storbju. Qal li keinu qed jghamlu xogholhom u l-appellant qallhom *"itilqu 'l hemm m'ghandkomx ghalfejn tkelmuni lili, jien m'ghamilt xejn hazin*." Huma pprovaw ikelmuh u inizluh l-ghassa ghax riedu ikelmuh izda baqa' jirresisti u ma riedx imur. Komplew jispjegawlu li kellu imur maghhom izda irrifjuta u ghalhekk kellhom juzaw forza minima biex jimmanettjawh biex inizluh l-ghassa.

Qal li ma jafx kemm damu biex jikkonvincuh pero jaf li hadha kontra taghhom ghaliex kienu qed jaqdu xoghlhom. Huma u nizlin bih l-ghassa dan beda joffendi lil PS 583 bil-kliem " *Pufta," " kiesah," "F'oxx kemm ghadnek,' "ser naqlalek rasek jekk narak barra," u "insibek bla unifromi".*

Fil-vettura baqa' ghaddej bl-istess storja joffendi lis-surgent. Qal li hu kien qed isuq il-vettura tas-servizz . Qal li huma kollha kienu libsin l-uniformi.

Rat il-verbal tas-17 ta' Ottubru, 2019 fejn il-prosekuzzjoni esebiet tlett sentenzi li gew markati bhala dok E, Dok F u Dok G.

Illi wara li l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kelhiex provi ohra xi tressaq l-appellant irregistra ammissjoni dwar it-tieni akkuza u cioe' talli hedded u ingurja fuq il-persuna ta' PS 583 waqt li kien qed ighamel servizz u dan ai termini tal-artikolu 95 tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat.

Jidher ghalhekk li l-aggravju principali tal-appellant si tratta dwar l-ewwel akkuza u cioe' dik ta' attakk u resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies bhala vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PS 583 Evan Grech, persuna inkarigata mill-ligi biex jaghti servizz pubbliku waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni skond il-ligi kif imsemmi fl-artikolu 96 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn dinl-Qorti diversament preseduta fil-kaz "**Il-Pulizija vs Lawrence Attard**[4]"fejn kien inghad li :

*"Biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attack jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi"*

Inoltre, fil-kaz fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Joseph Zahra**[5]", ukoll deciz mill- Qorti tal-Appell Kriminali intqal li :

*"Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

[4] Deciza nhar it-12 ta' Settembru 1996
[5] Deciz nhar id-9 ta' Settembru 2002

Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) -"waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Skont il-**Carrara**[6], jirrizulta car li dan ir-reat ta' "*resistenza*" – (li huwa jippreferi jsejjah minflok "*ribellione*" u dan fuq it-taghlim tal-**Carmignani)** li hija fil-bazi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-ufficjali ezercenti awtorita pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jigu riflessi l-ezercizju tal-azzjoni pozittiva ta' kommissjoni li turi "*l'antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi*" u cioe' l-vires privat ma dak pubbliku. Din il-Qorti tifhem ghalhekk antagonizmu li allura jippresupponi konkomitanza fl-ezercizzju tieghu

Illi bhala fatt jirrizulta li waqt li PS 583 flimkien ma ufficcjali ohra kien talab lill-appellant biex imur lk-ghassa udan ghaleix kien qieghed jikkawza hafna storbju quddiem ir residenza ta' Sylvana Spiteri u kien gja ghajjar u hedded lill-ufficcjali tal-pulizija l-appellant irrsista li jmur. Mhux tali irresista biss ghaliex kieku kien jsikatta r-reat kif kontemlat fl-artikolu 95 kif ammess mill-appellant izda li kif stqarr l-istess xhud ex admisses " *kif konna ha indahhluh ( b refenza ghall-appellant) fil-karozza pprova ukoll itini daqqa ta' ras b'lura. Min naha tieghi jien ghollejt idejja biexnilqa id-daqqa ta' ras* ."

Jirrizulta li in effetti dak il-hin PS 583 kien libes l-uniformi kien fil-vettura tas-servizz u kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi u dan billi kien qed jipprova jesgwixxi *'respite warrant'* fil-konfront tal-appellant u kien qed jipprova jwaqfu mill-agir abbusiv tieghu quddiem ir residenza tal-ex partner tieghu.Dan hu konfermat kemm minn PC 889 u PC 1055 li kienu mas-surgent quddiem ir-residenza fi Triq Santa Liena.

Ghalhekk l-ewel Qorti kienet korretta meta waslet ghal gudizzju taghha li tikkonferma htija fir-rigward tal-ewwel akkuza.

Dwar it-tieni akkzua ma hemmx wisq x'inghad stante l-ammissjoni tal-appellant stess. Dwar it-tielet akkuza kontravenzjonali li ma obdiex l-ordni legittimi tal-pulizija kif kontemplata fl-artikolu 338 (ee) tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta jsir referenza ghall-

[6] fil-Programma, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744

kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** [7] fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*"Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l- ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Austin Grech****). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-Artiklu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PC 604 ta' lill-appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika".*

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija u dan kemm meta l-appellant kien fit triq Santa Liena Bormla meta twaqqaf mill-pulizija u kif ukoll meta kien fil-vettura tas-esrvizz rikeb mal-pulizija. Ghalhekk isegwi li tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha izda ghall-kunsiderazzjoni dwar piena se tkun kompriza fit-tieni imputazzjoni.

Dwar ir-raba akkzua u cioe' dik ta' ksur ta' paci pubblika bizzejjed issir refernza ghal dak li stqarru l-ufficcjali tal-pulizija li huma marru fuq il-post tal–incident fi Triq Santa Liena minhabba li kien hemm hafna storbju u ghajjat u il-pulizija li xehdu kollha kkonfermaw ir-rapport li wasal l-ghassa fis-sens li kien hemm l-appellant jghajjat fit-triq u li kienu huma stess li pprovaw jikkalmawh.

Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Busuttil**[8] dwar ir-reat ta' ksur ta' bon ordni[9]:

"Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil *common law* Ingliza kien jissejjah *'a breach of the peace'*. Din l-

[7] Deciza fil-25 ta' Gunju 1997, mill-Qorti tal-Appell Kriminali
[8] Deciz fit-23 ta' Gunju 1994
[9] Vol. LXXVIII.v.277.

ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kuncett Ingliz ta' *'a breach of the peace'* tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet **Ispettore <u>Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et</u>., kien qal hekk:**

***'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'*** [10]**.**

A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat *'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order*[11]*'*. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' *'breach of the peace'* fil-ligi Skocciza jirrikjedi ukoll certu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem **McCall Smith u Sheldon,** fil-ktieb taghhom **'Scots Criminal Law**[12]**',):**

*'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed*[13]' .

Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, **Gerald H. Gordon**, fit-test awtorevoli tieghu **'The Criminal Law of Scotland**[14]**' :**

---

[10] Kollez. Vol. XII, p. 472, 475

[11] I pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u specjalment pagni 28 sa 31

[12] Edinburgh, Butterworths, 1992

[13] p.192

[14] Edinburgh, 1978

*'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application*[15]*'*

U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:

***'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance'*** [16]**.**

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri,**[17] din il-Qorti diversament presjeduta ziedet tghid hekk:

*"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoci li l-kuncett ta' 'breach of the peace' kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom 'Criminal Law'* [18]**,** b'referenza ghal-ligi Skocciza in materja:

*'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of the- peace-type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so'*[19] **.**

[15] p.985, para. 41-01

[16] p. 986, para. 41-01
[17] Deciz fl-24 ta' Mejju 1996 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[18] Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992
[19] p. 295

Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' **li,** kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-**Professur A.T.H. Smith** fil-ktieb tieghu **'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:**

*'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'* [20]**.**

Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib**."**[21]

Fil-fatt fis-sentenza citata fl-ismijiet, **<u>Il-Pulizija v. Marianne Abela et</u>**[22] intqal:

**"…** *dan l-artikolu 352(bb) (illum 338bb) gie kostantement interpretat minn din il-Qorti (ara Pulizija vs Donald Zahra, 19 ta' April 1950 Kollez. Dec. Vol. XXXIV.iv.968 u s-sentenzi hemm citati) li jikkontempla fatti li jnehhu jew inaqqsu lic-cittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali u ghalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taht*

---

[20] p.182

[21] Ara wkoll Appelli Kriminali: Il-Pulizija v. Alfred Pisani, 5 ta' Mejju 1995; Il-Pulizija v. Pio Galea, 17 ta' Ottubru 1997; Il-Pulizija v. Andrea Galea et, 30 ta' Gunju 1998

[22] Deciza fil-25 ta' Lulju 1984

*cirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistghu jikkonducu ghal reati ohrajn kontra l-persuni u s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazzjoni, ma jiksirx il-ligi***."**

**Ghalhekk fid-dawl tas-suspost din ir-raba akkuza tirrizulta ukoll provata.**

Dwar il-hames akkuza u cioe' dik tar-recidiva jirrizulta li l-prosekuzzjoni esebiet tlett sentenzi li inghataw fl-ismijiet **il Pulizija vs olgive Grima** u minn esami ta' l-istess (Dok E,F u G) jirrizulta li l-konnotati tal-akkzuat f'dawk it-tlett sentenzi huma l-istess ta' dawk tal-appellant odjern u ghalhekk mhemmx dubbju li l-akkuza tar- recidiva tirrizulta ukoll.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-mertu u s-sejba ta' htija tal-akkuzi kollha.

Dar il-pinea jidher li l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appelant ghal multa ta' hamest elef euro (oltre piena ta' tmien xhur prigunerija effettiva. Jinghad li ghalkemm il-piena tidher li hija wahda severa fil-fatt hija wahda lejn il-minimu bizzejjed jinghad li ghar-rigward l-ewwel akkuza il-piena kontemplata fil-ligi hija dik sa sentejn prigunerija u multa sa ghaxart elef euro (10,000)

Ghalhekk meta tqis li l-appellant instab hati tal-akkuzi kollha inkluz dik tar-recidiva u ghalhekk il-piena setghet tizdied bi grad jew tnejn l-piena imposta kienet wahda proporzjonata u ghalhekk ghandha tigi wkoll ikkonfermata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur